PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2008/0047(COD)

10.9.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni
(COM(2008)0106 – C6-0092/2008 – 2008/0047(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Titus Corlăţean

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Fis-27 ta' Frar 2008, il-Kummissjoni approvat proposta ġdida għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju pluriennali dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni (COM(2008)0106).

L-għan tagħha hu li jittejjeb u jiġi sostitwi il-programm eżistenti Internet Aktar Sikur *plus* ("Safer Internet *plus*) billi jiġu promossi erba' azzjonijiet: it-tnaqqis tal-kontenut illegali u l-ġlieda kontra l-imġiba dannuża fuq l-Internet; il-promozzjoni ta' ambjent aktar sikur fuq l-internet; l-iżgurar ta' kuxjenza pubblika; u l-ħolqien ta' bażi tal-għarfien.

Kollox ma' kollox, il-proposta tal-Kummissjoni tidher raġonevoli u bbilanċjata. Madanakollu, ir-Rapporteur għal Opinjoni jixtieq jissuġġerixxi ċerti tibdiliet biex il-proposta ssir aktar effettiva.

B'mod partikulari, l-emendi huma mressqa biex jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm għall-logħob tal-azzard fuq l-Internet u għall-kummerċ elettroniku li jinvolvu affarijiet li jistgħu jagħmlu l-ħsara u biex jagħmlu obbligatorju l-parteċipazzjoni ta' mill-inqas organu wieħed minn kull Stat Membru fih. Hija ssuġġerita wkoll kjarifika tat-terminu ta' "tfal" sabiex jitqiesu sew id-dispożizzjonijiet differenti li jikkonċernaw il-kapaċità legali li teżisti fl-Istati Membri kollha.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-penetrazzjoni ta' l-internet u l-użu tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni bħat-telefowns ċellulari għadhom qed jikbru b'mod konsiderevoli fil-Komunità u joffru opportunitajiet kbar, bħall-parteċipazzjoni, l-interattività u l-kreattività, liċ-ċittadini kollha ndaqs. Ir-riskji għat-tfal u l-abbuż tat-teknoloġiji jkomplu jeżistu u qed ikomplu jitfaċċaw riskji u abbużi ġodda minħabba t-teknoloġiji u l-imġiba fis-soċjetà li qed jinbidlu. Sabiex jitħeġġeġ l-	(1) Il-penetrazzjoni ta' l-internet u l-użu tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni bħat-telefowns ċellulari għadhom qed jikbru b'mod konsiderevoli fil-Komunità u joffru opportunitajiet kbar, bħall-parteċipazzjoni, l-interattività u l-kreattività, liċ-ċittadini kollha ndaqs. ***Madankollu,*** *ir*-riskji għat-tfal u l-abbuż tat-teknoloġiji jkomplu jeżistu u qed ikomplu jitfaċċaw riskji u abbużi ġodda minħabba t-teknoloġiji u l-imġiba fis-soċjetà li qed jinbidlu. ***Iridu jiġu***

isfruttament ta' l-opportunitajiet u jittieħed vantaġġ mill-benefiċċji pożittivi offruti mill-Internet u mit-teknoloġiji online l-oħrajn, huma wkoll meħtieġa miżuri li jippromwovu l-użu aktar sikur tagħhom.	***adottati miżuri fuq livell ta' l-UE sabiex tkun imħarsa l-integrità fiżika, mentali u morali tat-tfal, li tista tkun imfixkla peress li jaċċessaw kontenut mhux xieraq. Barra minn hekk,*** *sabiex* jitħeġġeġ l-isfruttament ta' l-opportunitajiet u jittieħed vantaġġ mill-benefiċċji pożittivi offruti mill-Internet u mit-teknoloġiji online l-oħrajn ***kif ukoll mit-teknoloġiji tal-komunikazzjoni,*** huma wkoll meħtieġa miżuri li jippromwovu l-użu aktar sikur tagħhom.

Ġustifikazzjoni

L-applikazzjoni tad-deċiżjoni dwar it-teknoloġiji tal-komunikazzjoni bħal ma huma s-servizzi tat–telefowns ċellulari għandha tissemma b'mod espliċitu, peress li numru kunsiderevoli ta' tfal u żgħażagħ jużaw dawn is-servizzi.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Hemm ix-xewqa li jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar regoli li jorbtu legalment, iżda dan mhuwiex se jintlaħaq malajr. Anke jekk jintlaħaq dan it-tip ta' ftehim, minnu nnifsu dan ma jkunx biżżejjed biex jiżgura l-implimentazzjoni tar-regoli jew jiżgura l-protezzjoni ta' dawk li jinsabu fir-riskju.	***imħassra***

Ġustifikazzjoni

Li tissemma' l-opportunità ta' ftehima internazzjonali u li tiġi ddubitata l-effettività tagħha fl-istess ħin huwa pjuttost kontradittorju.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Ix-xena mediatika li tinbidel, riżultanti minn teknoloġiji ġodda u minn innovazzjonijiet mediatiċi, tagħmilha neċessarju t-tagħlim kemm tat-tfal, kif ukoll tal-ġenituri, ta' dawk li jieħdu ħsieb it-tfal u tal-edukaturi, kif jużaw b'mod effettiv u b'sikurezza s-servizzi ta' l-informazzjoni fuq l-internet.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Għandhom isiru sforzi biex it-tfal jitħarsu mir-riskji ekonomiċi tat-twettiq ta' kuntratti fuq żmien twil permezz ta' teknoloġiji moderni (Internet jew telefown ċellulari). Għalhekk, għandhom ikunu żviluppati sistemi effettivi ta' verifikazzjoni ta' l-età u tabelli ta' ċertifikazzjoni volontarja.

Ġustifikazzjoni

Peress li t-tfal huma l-mira ewlenija ta' xi servizzi fuq żmien twil provduti fuq l-Internet jew fuq it-telefowns ċellulari (e.ż. melodiji ('ringtones') jew logħob għat-telefowns ċellulari), il-forniturigħandhom jassiguraw li almenu l-prezzijiet u t-tul tas-servizz huma indikati b'mod ċar.

Emenda 5

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8 u 24 tagħha,	(14) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tħares il-prinċipji riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli ***3(1),*** 7, 8 u 24 tagħha,

Emenda 6

Proposta għal deċiżjoni
Premessa 14 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) Xejn minn din id-Deċiżjoni u l-Annessi tagħha ma jżomm lill-Istati Membri milli japplikaw id-dispożizzjonijiet legali u l-prattiki amministrattivi tagħhom stess u f'dak li għandu x'jaqsam il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet, jekk dawn jistgħu jiżguraw riżultati aħjar.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni, "tfal" għandha tfisser persuni taħt it-18-il sena, sakemm il-liġi nazzjonali tagħhom ma tagħtihomx, f'ċerti kundizzjonijiet, kapaċità legali kompluta qabel dik l-età.

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-kapaċità legali kompluta jagħtu, f'ċerti kundizzjonijiet, kapaċità legali sħiħa qabel l-età ta' 18-il sena. Estensjoni tal-ħarsien mogħti lit-"tfal" għall-

persuni kollha taħt it-18-il sena, irrespettivament mill-fatt li għandhom kapaċità legali sħiħa, ma jkunx xieraq.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***it-tnaqqis tal-***kontenut illegali u ***l-ġlieda*** kontra l-imġiba dannuża fuq l-Internet;	(a) ***il-ġlieda kontra l-***kontenut illegali u kontra l-imġiba dannuża fuq l-Internet;

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-parteċipazzjoni fil-Programm għandha tkun ***miftuħa għall-entitajiet legali stabbiliti fl-Istati*** *Membri*.	1. Il-parteċipazzjoni fil-Programm għandha tkun ***obbligatorja għal ta' l-inqas organu wieħed minn kull Stat*** *Membru*. ***Kwalunkwe entità legali oħra tista tipparteċipa b'mod volontarju fil-Programm.***

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni
Anness – Taqsima 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***It-tnaqqis*** *tal-*kontenut illegali u ***l-ġlieda*** kontra l-imġiba dannuża fuq l-internet	1. ***Il-ġlieda kontra*** *l-*kontenut illegali u kontra l-imġiba dannuża fuq l-internet

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni
Anness I - taqsima 1 - test introdutorju

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-attivitajiet huma mmirati lejn it-tnaqqis ta' l-ammont ta' kontenut illegali ċċirkolat fuq l-internet u lejn it-trattament ***adegwat*** ta' l-imġiba dannuża fuq l-internet, b'attenzjoni partikolari fuq it-tixrid ta' materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet, it-tħejjija għall-abbuż sesswali u l-ibbulijar. L-azzjonijiet ġenerali ewlenin li huwa ppjanat li jittieħdu huma:	L-attivitajiet huma mmirati lejn it-tnaqqis ta' l-ammont ta' kontenut illegali ċċirkolat fuq l-internet u lejn it-trattament ***effettiv*** ta' l-imġiba dannuża fuq l-internet, b'attenzjoni partikolari, ***min-naħa waħda,*** fuq it-tixrid ta' materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet, it-tħejjija għall-abbuż sesswali u l-***ibbulijar u, min-naħa l-oħra, il-logħob ta' l-azzard l-kummerċ elettroniku fuq l-internet li jinvolvu affarijiet li jistgħu jagħmlu l-ħsara.*** L-azzjonijiet ġenerali ewlenin li huwa ppjanat li jittieħdu huma:

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – taqsima 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-għoti lill-pubbliku ta' punti ta' kuntatt għar-rappurtar ta' kontenut illegali fuq l-internet u mġiba dannuża fuq l-internet. L-attivitajiet għandhom jiżguraw li dawn il-punti ta' kuntatt huma effettivi u viżibbli għall-pubbliku, għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' azzjonijiet oħrajn fuq livell nazzjonali, u jikkooperaw fuq livell Ewropew biex jittrattaw kwistjonijiet transkonfinali, u jiskambjaw l-aħjar prattika.	1. L-għoti lill-pubbliku ta' punti ta' kuntatt għar-rappurtar ta' kontenut illegali fuq l-internet u mġiba dannuża fuq l-internet. L-attivitajiet għandhom jiżguraw li dawn il-punti ta' kuntatt huma effettivi u viżibbli għall-pubbliku, għandhom jikkooperaw mill-qrib ma' azzjonijiet oħrajn fuq livell nazzjonali, u jikkooperaw fuq livell Ewropew biex jittrattaw kwistjonijiet transkonfinali, u jiskambjaw l-aħjar prattika. ***Dawn il-punti ta' kuntatt għandhom ukoll jipprovdu l-pubbliku bl-informazzjoni meħtieġa dwar kif għandhom jirrappurtaw kontenut illegali u kif jaċċessaw il-kontenut ta' servizzi ta' informazzjoni fuq l-internet li jistgħu jagħmlu ħsara lill-integrità fiżika, mentali jew morali tat-tfal.***

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – taqsima 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-ittrattar ta'*** l-imġiba dannuża fuq l-internet, b'mod partikolari t-tħejjija għall-abbuż sesswali ***u*** l-ibbulijar. L-attivitajiet se jimmiraw li ***jittrattaw*** *it*-tħejjija għall-abbuż sesswali fuq l-internet, il-proċess li bih adult jagħmel ħbieb ma' tifel jew tifla bil-għan li jwettaq abbuż sesswali, u l-ibbulijar. L-azzjonijiet jittrattaw kwistjonijiet tekniċi, psikoloġiċi u soċjoloġiċi relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u jippromwovu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet interessati.	2. ***Il-ġlieda kontra*** l-imġiba dannuża fuq l-internet, b'mod partikolari t-tħejjija għall-abbuż sesswali, l-ibbulijar ***u l-logħob ta' l-azzard***. L-attivitajiet se jimmiraw li ***jiġġieldu kontra*** *t*-tħejjija għall-abbuż sesswali fuq l-internet, il-proċess li bih adult jagħmel ħbieb ma' tifel jew tifla bil-għan li jwettaq abbuż sesswali, u l-ibbulijar, ***kif ukoll il-logħob ta' l-azzard u l-kummerċ elettroniku fuq l-internet li jinvolvu affarijiet li jistgħu jagħmlu l-ħsara***. L-azzjonijiet jittrattaw kwistjonijiet tekniċi, psikoloġiċi u soċjoloġiċi relatati ma' dawn il-kwistjonijiet u jippromwovu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-partijiet interessati.

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – taqsima 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-tqanqil ta' l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi biex jiġu ttrattati b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet. L-attivitajiet għandhom iħeġġu l-iżvilupp jew l-adattazzjoni ta' għodod teknoloġiċi effettivi biex jittrattaw b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet, għall-użu ġenerali mill-partijiet interessati.	3. It-tqanqil ta' l-applikazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi biex jiġu ttrattati b'mod xieraq il-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet. L-attivitajiet għandhom iħeġġu l-iżvilupp jew l-adattazzjoni ta' għodod teknoloġiċi effettivi biex jittrattaw b'mod xieraq il-kontenut illegali u ***jiġġieldu kontra*** l-imġiba dannuża fuq l-internet, għall-użu ġenerali mill-partijiet interessati. ***Tista' tingħata konsiderazzjoni fost oħrajn lill-miżuri li ġejjin:*** (a) tkun adottata tikketta ta' kwalità għal forniturі ta' servizz, sabiex l-utenti jkunu jistgħu jiċċekkjaw b'mod faċli jekk fornitur

involut josservax kodiċi ta' kondotta;

(b) jinħolqu filtri li jwaqqfu l-informazzjoni li toffendi l-integrità fiżika, mentali jew morali tat-tfal milli tgħaddi mit-teknoloġiji ta' l-internet;

(c) ikunu appoġġjati l-istabbiliment ta' isem ta' 'domain' ġeneriku tat-tieni livell li jkun irriservat għal siti mmonitorjati li jkunu impenjati li jirrispettaw lill-minuri u d-drittijiet tagħhom bħal .KID.eu.

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – taqsima 1 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. It-titjib tal-kooperazzjoni, l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-esperjenza fil-ġlieda kontra l-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet fuq livell internazzjonali. L-attivitajiet se jimmiraw li jtejbu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, jarmonizzaw il-metodi ta' *trattement* tal-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet fuq livell internazzjonali u jħeġġu l-iżvilupp ta' metodi komuni u metodi ta' ħidma.	5. It-titjib tal-kooperazzjoni, l-iskambju ta' l-informazzjoni u l-esperjenza fil-ġlieda kontra l-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet fuq livell internazzjonali. L-attivitajiet se jimmiraw li jtejbu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, jarmonizzaw il-metodi ta' *trattament* tal-kontenut illegali u l-imġiba dannuża fuq l-internet fuq livell internazzjonali u jħeġġu l-iżvilupp ***kemm ta' approċċ ikkoordinat lejn bażijiet ta' dejta nazzjonali differenti li jiġbru l-istampi ta' l-abbuż tat-tfal u kif ukoll il-konnessjoni tagħhom mal-Europol u*** ta' metodi komuni u metodi ta' ħidma oħrajn.

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – taqsima 2 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tħeġġiġ tal-partijiet interessati biex jiżviluppaw u jimplimentaw sistemi xierqa ta' awtoregolazzjoni. L-azzjonijiet se jħeġġu l-ħolqien u l-implimentazzjoni ta'	2. It-tħeġġiġ tal-partijiet interessati biex jiżviluppaw u jimplimentaw sistemi xierqa ta' awtoregolazzjoni. L-azzjonijiet se jħeġġu l-ħolqien u l-implimentazzjoni ta'

inizjattivi awtoregolatorji u jħeġġu lill-partijiet interessati biex iqisu s-sikurezza tat-tfal meta jiżviluppaw teknoloġiji u servizzi ġodda.	inizjattivi awtoregolatorji***, li jimmiraw fost oħrajn li jstimaw jew jikklassifikaw il-kontenut fuq l-internet,*** u jħeġġu lill-partijiet interessati biex iqisu s-sikurezza tat-tfal meta jiżviluppaw teknoloġiji u servizzi ġodda.

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – taqsima 3 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-ħolqien tal-kuxjenza pubblika u t-tixrid ta' l-informazzjoni dwar l-użu aktar sikur tat-teknoloġiji online. L-attivitajiet se jippromwovu l-kuxjenza pubblika billi jipprovdu informazzjoni xierqa dwar il-possibbiltajiet, ir-riskji u l-modi kif jiġu ttratati b'mod ikkoordinat ma' l-Ewropa kollha. L-attivitajiet se jħeġġu mezzi effettivi f'termini ta' nfiq li permezz tagħhom jixxerred it-tagħrif ta' kuxjenza lil għadd kbir ta' utenti.	1. Il-ħolqien tal-kuxjenza pubblika u t-tixrid ta' l-informazzjoni dwar l-użu aktar sikur tat-teknoloġiji online. L-attivitajiet se jippromwovu l-kuxjenza pubblika billi jipprovdu informazzjoni xierqa dwar il-possibbiltajiet, ir-riskji u l-modi kif jiġu ttratati b'mod ikkoordinat ma' l-Ewropa kollha. ***Ikunu mħeġġa azzjonijiet sabiex it-tfal ikunu jistgħu jagħmlu użu responsabbli mit-teknoloġiji ta' l-internet, b'mod partikulari permezz tal-litteriżmu mediatiku jew l-programmi ta' l-edukazzjoni mediatika kif ukoll, pereżempju, permezz ta' taħriġ kontinwu fl-edukazzjoni fl-iskejjel, inkluż sessjonijiet miftuħa għall-ġenituri.*** L-attivitajiet se jħeġġu ***wkoll*** mezzi effettivi f'termini ta' nfiq li permezz tagħhom jixxerred it-tagħrif ta' kuxjenza lil għadd kbir ta' utenti, ***bħal, pereżempju, pakketti ta' informazzjoni dwar ir-riskji possibbli tat-teknoloġiji ta' l-internet***.

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – taqsima 3 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-għoti ta' punti ta' kuntatt fejn il-ġenituri u t-tfal jistgħu jirċievu t-tweġibiet	2. L-għoti ta' punti ta' kuntatt***, inklużi 'hotlines' telefoniċi,*** fejn il-ġenituri u t-tfal

għall-mistoqsijiet dwar kif jibqgħu sikuri fuq l-internet. L-attivitajiet se jkunu mmirati li jagħtu s-setgħa lill-utenti jagħmlu għażliet infurmati u responsabbli billi jipprovdulhom pariri dwar informazzjoni rilevanti u l-prekawzjonijiet li għandhom jieħdu biex jibqgħu sikuri fuq l-internet.

jistgħu jirċievu t-tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar kif jibqgħu sikuri fuq l-internet. L-attivitajiet se jkunu mmirati li jagħtu s-setgħa lill-utenti jagħmlu għażliet infurmati u responsabbli billi jipprovdulhom pariri dwar informazzjoni rilevanti u l-prekawzjonijiet li għandhom jieħdu biex jibqgħu sikuri fuq l-internet.

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – taqsima 3 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-tħeġġiġ tat-titjib ta' mezzi u għodda effiċjenti u effettivi f'termini ta' nfiq biex tinħoloq kuxjenza. L-attivitajiet se jkunu mmirati li jtejbu l-metodi u l-għodda rilevanti biex tinħoloq kuxjenza bil-għan li dawn ikunu aktar effiċjenti u effettivi f'termini ta' nfiq f'perspettiva fit-tul.	3. It-tħeġġiġ tat-titjib ta' mezzi u għodda effiċjenti u effettivi f'termini ta' nfiq biex tinħoloq kuxjenza. L-attivitajiet se jkunu mmirati li jtejbu l-metodi u l-għodda rilevanti biex tinħoloq kuxjenza bil-għan li dawn ikunu aktar effiċjenti u effettivi f'termini ta' nfiq f'perspettiva fit-tul. ***Dawn l-azzjonijiet jistgħu jinkludu, fost oħrajn, it-twaqqif ta' sistema ta' simboli deskrittivi komuni jew messaġġi ta' allert li jindikaw il-kategorija ta' l-età u/jew dawk l-aspetti tal-kontenut ikunu wasslu għal ċerta rakkomandazzjoni ta' età, li kieku jgħinu lill-utenti biex ikunu aktar konxji ta' kontenut fuq l-internet li jistgħu jkun ta' ħsara.***

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – taqsima 3 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-iżgurar ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika u l-kooperazzjoni transkonfinali fuq livell Ewropew. Se jittieħdu azzjonijiet biex jiġu żgurati l-kooperazzjoni transkonfinali effettiva fl-Ewropa u l-iskambju effettiv ta' l-aħjar prattika,	4. L-iżgurar ta' l-iskambju ta' l-aħjar prattika u l-kooperazzjoni transkonfinali fuq livell Ewropew. Se jittieħdu azzjonijiet biex jiġu żgurati l-kooperazzjoni transkonfinali effettiva fl-Ewropa u l-iskambju effettiv ta' l-aħjar prattika,

għodda, metodi, esperjenza u informazzjoni.

għodda, metodi, esperjenza u informazzjoni. ***B'mod partikulari, l-attivitajiet għandhom ikunu mmirati biex joħolqu koperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali, il-pulizija u l-punti ta' kuntatt. Se jittieħdu azzjonijiet biex tinbena bażi ta' dejta Ewropea komuni li tiġbor fiha stampi ta' abbuż tat-tfal u biex tiżgura l-konnessjoni tagħha mal-Europol.***

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – taqsima 4 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-promozzjoni tar-riċerka dwar il-vittimizzazzjoni tat-tfal fuq l-internet. L-azzjonijiet se jimmiraw li jinvestigaw kwistjonijiet tekniċi, psikoloġiċi u soċjoloġiċi relatati mal-vittimizzazzjoni tat-tfal fl-ambjent ta' fuq l-internet, inklużi l-ibbulijar, it-tħejjija għall-abbuż sesswali, kwistjonijiet relatati mal-materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet u forom emerġenti ta' mġiba li tista' tqiegħed lit-tfal fir-riskju tad-dannu.	3. Il-promozzjoni tar-riċerka dwar il-vittimizzazzjoni tat-tfal fuq l-internet. L-azzjonijiet se jimmiraw li jinvestigaw kwistjonijiet tekniċi, psikoloġiċi u soċjoloġiċi relatati mal-vittimizzazzjoni tat-tfal fl-ambjent ta' fuq l-internet, inklużi l-ibbulijar, it-tħejjija għall-abbuż sesswali, kwistjonijiet relatati mal-materjal ta' l-abbuż sesswali tat-tfal fuq l-internet***, il-logħob ta' l-azzard fuq l-internet, il-kummerċ elettroniku li jinvolvu affarijiet li jagħmlu l-ħsara,*** u forom emerġenti ta' mġiba ***simili*** li tista' tqiegħed lit-tfal fir-riskju tad-dannu.

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni
Anness I – taqsima 4 – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iż-żieda fl-għarfien dwar l-effetti ta' l-użu ta' teknoloġiji attwali u emerġenti fuq it-tfal u ż-żgħażagħ. L-azzjonijiet se jimmiraw li jifhmu aħjar l-effetti psikoloġiċi, ta' mġiba u soċjoloġiċi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ li jużaw it-teknoloġiji	5. Iż-żieda fl-għarfien dwar l-effetti ta' l-użu ta' teknoloġiji attwali u emerġenti fuq it-tfal u ż-żgħażagħ. L-azzjonijiet se jimmiraw li jifhmu aħjar l-effetti psikoloġiċi, ta' mġiba u soċjoloġiċi fuq it-tfal u ż-żgħażagħ li jużaw it-teknoloġiji

online, li jvarjaw mill-effett ta' l-esponiment għall-kontenut u l-imġiba dannużi għat-tħejjija għall-abbuż sesswali ***u*** l-ibbulijar u fuq pjattaformi differenti, minn kompjuters u telefowns ċellulari għal konsowls tal-logħob u teknoloġiji oħrajn li qed jiżviluppaw.

online, li jvarjaw mill-effett ta' l-esponiment għall-kontenut u l-imġiba dannużi għat-tħejjija għall-abbuż sesswali l-ibbulijar u ***l-logħob ta' l-azzard fuq l-internet u l-kummerċ elettroniku li jinvolvu affarijiet li jagħmlu l-ħsara*** u fuq pjattaformi differenti, minn kompjuters u telefowns ċellulari għal konsowls tal-logħob u teknoloġiji oħrajn li qed jiżviluppaw.

PROĊEDURA

Titolu	Il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni
Referenzi	COM(2008)0106 – C6-0092/2008 – 2008/0047(COD)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 10.4.2008
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Titus Corlăţean 25.6.2008
Data ta' l-adozzjoni	9.9.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marek Aleksander Czarnecki, Bert Doorn, Monica Frassoni, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Othmar Karas, Piia-Noora Kauppi, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Antonio Masip Hidalgo, Hans-Peter Mayer, Manuel Medina Ortega, Hartmut Nassauer, Aloyzas Sakalas, Francesco Enrico Speroni, Daniel Strož, Rainer Wieland, Jaroslav Zvěřina, Tadeusz Zwiefka
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Vicente Miguel Garcés Ramón, Jean-Paul Gauzès, Georgios Papastamkos, Gabriele Stauner, Jacques Toubon, Ieke van den Burg
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178 (2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Renate Weber